MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2009

Numru 105/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**OMISSIS**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat OMISSIS gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-27 ta' Jannar 2007 u matul is-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula minnu b' rizoluzzjoni wahda,

Ikkaguna offizi ta' natura gravissima li gabu jew x' aktarx gabu debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem ta' bintu, OMISSIS u ibnu OMISSIS, it-tnejn minorenni taht id-disa' snin;

Fl-istess zminijiet u cirkostanzi, meta kien responsabbli tat-tfal tieghu minorenni taht it-tnax-il sena, OMISSIS u OMISSIS, b' atti persistenti ta' ghemil haqar lit-tfal jew gieghel jew ippermetta il-mohqrija tat-tfal;

Meta kien fid-dmir li jiehu hsieb il-wild tieghu, u cioe' OMISSIS u OMISSIS, naqas li jaghmel dan.

Sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali wara li nstab hati b' sentenza definittiva tal-Qorti tal-Appell datata 29 ta' Marzu 2004, Qorti tal-Magistrati datata 27 t' Awwissu 2001 u 04 ta' Gunju 2002 liema sentenzi ma jistghux aktar jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba li minn issa tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F' kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni involuti u l-familja taghhom tohrog ordni ai termini ta' l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 2 ta' April 2009 (esebita a fol. 359 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 18, 214 u 216(1) (a) (ii) (iii) (b) (d) ; 222(1) (a) b' applikazzjoni ta' l-artikolu 202(h) ; u 222(1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
b) fl-artikolu 18, 247 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
c) fl-artikolu 18, 339(1) (j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

d) fl-artikoli 18, 214 u 216(1) (a) (ii) (iii) (iv) (b) (d) ; 222(1) (a) b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 202(h) ; u 222(1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
e) fl-artikolu 18, 247A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
f) fl-artikolu 18, 339(1) (j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
g) fl-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
h) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
i) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-3 ta’ April 2009, l-imputat iddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-31 ta’ Jannar 2007 dahal rapport lil Pulizija mill-Isptar San Luqa li kienet iddahlet tarbija ta’ sitt xhur, OMISSIS, li kellha griehi ta’ natura gravi f’saqajha li t-tobba kienu qed jissuspettaw li ma gewx kagunati b’mod accidentali. Omm it-tarbija OMISSIS qalet lit-tobba li hija kienet sabet lit-tarbija b’saqajha minfuhin, haditha l-Policlinic tal-Mosta fejn imbaghad irreferewha l-Isptar. Mill-x-rays li ttiehdu rrizulta li t-tarbija kellha tlett fratturi, tnejn fit-tibia fibula tas-sieq il-leminija kif ukoll buckle fracture fit-tibia tas-sieq ix-xellugija. Mir-rapport tal-espert mediku nominat fl-Inkjesta Magisterjali u sussegwentement anki minn din il-Qorti, Dr. Mario Scerri jirrizulta li dawn il-griehi kienu *non accidental* u li gew kagunati b’forza ghaliex huma kompatibbli ma gibda b’angolu l-fuq u l-isfel ghaliex l-ghadam kienu displaced u kien hemm spazju bejniethom. Mir-rapport irrizulta wkoll li

l-griehi kienu ghadhom friski. L-espert mediku eskluda li dawn il-griehi setghu gew kagunati minn tifel zghir ghaliex kien jidher li ntuzat forza. Dr. Scerri spjega wkoll li meta gew ezaminati il-medical records tal-ulied l-ohra tal-imputat u OMISSIS gie nnutat li fil-file relattiv ghat-tieni tifel taghha, OMISSIS, kien hemm indikat li meta huwa kien tarbija ta'
ftit xhur kien iddahhal l-Isptar u wara li sarulu t-testijiet relattivi kien gie skopert li kellu fracture fil-kranju u f'dik l-okkazzjoni l-omm kienet indikat li dan kien waqa' u peress li l-ferita kienet kompatibbli ma waqgha ma sarux investigazzjonijiet ulterjuri f'dak l-istadju.

Ir-rizultanzi tal-espert mediku gew ikkonfermati kemm minn Dr. Mariella Mangion (xhieda relattiva inserita a fol. 177 sa 180) li kienet it-tabiba li ezaminat lit-tarbija inizjalment u li rreferiet il-kaz lil Pulizija u minn Mr. Ray Gatt (xhieda relattiva inserita a fol. 310 sa 312) li kien il-konsulent ortopediku li ha hsieb il-kura tat-tarbija. Dr. Gatt spjega li l-mod kif kien hemm il-ksur kien kurjuz hafna ghaliex kien hemm transverse fracture li kien jindika li s-sieq kienet giet migbuda u spjega wkoll li l-ksur kien ricenti. Dr. Gatt spjega wkoll li ma sarux interventi kirurgici fuq it-tarbija u qal li ksur ta' dak it-tip idum madwar sitt gimghat sabiex ifieq.

Omm it-tarbija OMISSIS meta giet mitkellma mil-Pulizija qalet li ma kellhiex spjegazzjoni dwar kif origina il-ksur li kellha bintha. Hija spjegat li kienet tahdem tlett darbiet fil-gimgha bhala cleaner u waqt li tkun ix-xoghol kienet thalli lit-tfal mal-partner taghha, u cioe' l-imputat. Hija qalet ukoll li fis-27 ta' Jannar 2007, il-gurnata kienet is-Sibt, kellha appuntament ma kuntrattur il-OMISSIS dwar xi xoghlijiet li kellhom isiru fil-flat li kien gie assenjat lilha mill-Housing fl-imsemmija lokalita' u hija kienet telqet mill-flat f'OMISSIS fejn kienet qed tghix mal-imputat ghall-habta tad-9.00am u kienet hadet maghha lit-tifel OMISSIS izda halliet lit-tifla id-dar mal-imputat peress li din kienet ghadha rieqda x'hin telqet. OMISSIS spjegat li dakinhar l-imputat kien ma jiflahx u qalet ukoll li ma nnutat xejn hazin fit-tifla qabel ma telqet. Hija spjegat li rritornat id-dar ghall-habta tal-5.30pm ta' wara nofsinhar u l-imputat kien irrabbjat ghaliex kienet

damet ma giet lura. Huwa qalilha li ma kienx hemm ghalfejn tbiddel il-harqa tat-tarbija ghaliex kien ghadu kemm biddililha hu. OMISSIS qalet li meta dakinhar stess filghaxija kienet qed tahsel lit-tarbija innutat li din kellha saqajha minfuhin u meta cemplet l-Isptar qalulha li ma setghux jibghatu ambulanza ghaliex ma kienx kaz ta' emergenza u meta cemplet il-policlinic tal-OMISSIS it-tabib li kien on duty qalilha li kien inutli li jmur jara lit-tarbija ghaliex l-anqas jekk icempel hu ma kienu jaccettaw li jibghatu ambulanza. Hija qalet ukoll li pruvat tara ssibx taxi fil-pjazza ta' OMISSIS sabiex tiehu lit-tifla l-policlinic izda ma rnexxilhiex issib taxi. L-ghada filghodu hija qalet li l-imputat insista maghha li tmur ix-xoghol ghaliex altrimenti kienu jitilfu l-flus u kien ghalhekk biss meta hija rritornat lura mix-xoghol li hadu lit-tifla il-policlinic fejn mbaghad gew riferuti l-Isptar. Meta giet mistoqsija dwar l-incident fejn kien involut it-tifel OMISSIS hija l-ewwel qalet li dan kien waqa' meta kien ghand missieru izda sussegwentement accettat li tghid il-verita' lil Pulizija u spjegat li waqt li t-tifel li kien ghadu tarbija kien f'idejha u hija u l-imputat kienu qed jiggieldu dan tal-ahhar qabad siggu u wadbu lejha u spicca sabiex laqat lit-tifel f'rasu. OMISSIS ikkonfermat dan kollu meta xehdet quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2007 fejn spjegat ukoll li kellha storja ta' domestic violence tul ir-relazzjoni taghha mal-imputat u qalet li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kellha tiltaq minn mieghu u tmur Merhba Bik jew is-shelter OMISSIS minhabba li kienet tigi msawwta mill-imputat. Hija qalet ukoll li qatt ma rat lill-imputat isawwat lit-tfal fil-prezenza taghha u spjegat li t-tifel il-kbir OMISSIS kien qieghed il-Libya ghand il-genituri tal-imputat u nonostante li l-imputat kien weghdha li dan kellu jigi lura fil-11 ta' Frar 2007 dan baqa' ma ntbatx lura Malta. Hija qalet ukoll li kienet irritornat tghix mal-imputat fil-flat tieghu f'OMISSIS f'Novembru 2006 u spjegat li l-imputat ma kienx jahdem u li huma kienu jghixu bir-relief u bil-flus li kienet taqla' hi mix-xoghol part time. OMISSIS xehdet ukoll li l-imputat kien jghid li t-tifel il-kbir biss kien tieghu izda mbaghad kien accetta li t-tnejn l-ohra ukoll kienu tieghu izda spjegat li kien juri preferenza lejn is-subien.

L-imputat irrilaxxja tlett stqarrijiet lil Pulizija (esebiti a fol. 129 sa 135 tal-process) fejn huwa dejjem cahad li kien ikkaguna il-ksur riskontrat fit-tarbija u qal li t-tifel iz-zghir OMISSIS kien jigbed saqajn ohtu jew jista' jkun li dan waqa' fuqha jew li hija waqghet. Huwa kkonferma li meta OMISSIS ma tkunx id-dar kien izomm it-tfal hu u kkonferma li fil-gimghat qabel ma sehh l-incident fejn it-tifla iddahlet l-Isptar kien ha hsieb it-tfal hu waqt li OMISSIS kienet ix-xoghol. Huwa konferma li gieli refa' jdejh fuq OMISSIS u li hija gieli telqet mid-dar u marret tghix OMISSIS izda qal ukoll li anki hi gieli refghat idejha fuqu. Dwar l-incident fejn ibnu OMISSIS iddahhal l-Isptar l-imputat kien pjuttost ambigwu u qal li mhux cert li kien laqat lit-tifel u ghamillu gundalla.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol.  365 sa 372 fejn rega' cahad li kien hu li kkaguna l-feriti fuq bintu izda din id-darba sostna li fil-jum tas-27 ta' Jannar 2007 OMISSIS kienet hadet liz-zewgt itfal maghha il-OMISSIS, u cioe' li hija ma kienitx halliet lit-tifla mieghu dakinhar. Huwa sosnta wkoll li OMISSIS kienet thalli lit-tfal ma hutha u esebixxa sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta (esebita a fol. 373 et sequitur) fejn hu OMISSIS, certu OMISSIS, flimkien mal-partner tieghu kienu instabu hatja li kkagunaw griehi ta' natura gravi fil-konfronti ta' binhom ta' erba snin.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-provi migjuba f'dan il-kaz jidhrilha li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kien effettivament l-imputat li kkaguna l-griehi riskontrati f'OMISSIS. Apparti li l-Qorti semghat lil omm it-tarbija, u cioe' lil OMISSIS tixhed fit-tul u viva voce quddiemha u l-Qorti m'ghandhiex dubju dwar il-kredibilta' taghha, il-Qorti tat piz kbir ghal dak li qal l-imputat fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati fejn huwa ikkonferma li fil-gimgha ta' qabel l-incident kien hu li kien qed jiehu hsieb it-tfal waqt li OMISSIS kienet qed tkun ix-xoghol. Irid jinghad li fl-istqarrijiet huwa fl-ebda mument ma indika li fis-27 ta' Jannar 2007 it-tifla ma kienitx mieghu u l-anqas ma qal

xejn dwar il-fatt li OMISSIS kienet thalli lit-tfal ma hutha. Anzi meta gie mistoqsi xi spjegazzjoni kellu dwar kif setghu gew kagunati il-griehi li kellha it-tifla huwa indika li t-tifel ta' sentejn kien jigbdilha saqajha jew altrimenti li l-istess tifel kien waqa' fuqha. Kien biss meta ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti li deherlu li ghandu jispecifika li t-tifla ma kienitx thalliet mieghu dakinhar tas-27 ta' Jannar 2007 u li OMISSIS kienet thalli lit-tfal ma hutha. Il-Qorti jidrilha li li kieku dak li qal l-imputat meta xehed quddiemha kien minnu huwa zgur li kien isemmi dawn il-fatti daqshekk rilevanti fil-mument li rrilaxxja l-istqarrijiet, liema stqarrijiet gew ukoll ikkonfermati bil-gurament quddiem Dr. Mario Scerri fl-Inkjesta Magisterjali. Il-Qorti tixtieq tirrileva inoltre li ghalkemm OMISSIS qalet li f'dawk il-perijodi fejn hija kienet titlaq mid-dar tal-imputat hija kienet thalli lit-tfal ma huha meta tmur ghax-xoghol, hija indikat li kienet thalli lit-tfal ma huwa OMISSIS, u qatt ma semmiet lil huha OMISSIS. Dan OMISSIS fil-fatt ukoll xehed f'dawn il-proceduri fejn ikkonferma li huwa kien jiehu hsieb it-tfal t'ohtu meta hija kienet tmur ix-xoghol. Irid jinghad ukoll li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni irrizulta ampjament pruvat li OMISSIS kienet tiehu hsieb hafna lil uliedha u li hija kienet tkun kostretta tirrikorri ta' spiss OMISSIS jew OMISSIS ohrajn minhabba l-atteggjament vjolenti fil-konfronti taghha da parti tal-imputat. Il-Qorti jidrilha wkoll li l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat a tempo vergine, u cioe' li l-griehi setghu gew kagunati minn ibnu ta' sentejn, liema tezi giet ghal kollox skreditata mit-tobba, li spjegaw li l-griehi kienu jindikaw li kienet giet uzata forza attiva fuq it-tarbija li zgur ma setghatx originat minn tifel ta' sentejn, hjia ghal kollox inaccettabbli u attentat fjakk sabiex l-imputat jipprova jghatti in-nuqqassijiet tieghu.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-griehi kagunati lit-tarbija OMISSIS gew kagunati minn missierha, u cioe' l-imputat, waqt li hija kienet wahidha taht ir-responsabbilita' tieghu.

L-istess haga ma jistghax jinghad in kwantu jirrigwarda l-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni fejn dawn huma riferibbli ghal OMISSIS. Dan jinghad minhabba l-fatt li

OMISSIS kienet daqxejn ambigwa dwar il-mod kif setghu gew kagunati l-griehi, u mix-xhieda taghha jista' jirrizulta li fil-fatt t-tifel intlaqat involontarjament mill-imputat. Inoltre mix-xhieda tal-espert mediku Dr. Mario Scerri jirrizulta li l-griehi li kienu gew konstatati fuq it-tifel setghu kienu accidentali.

Il-Qorti ghalhekk ser issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu dawn huma riferibbli ghal OMISSIS.

Ghal finijiet ta piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa recidiv (sentenza relattiva giet debitament esebita u saret ukoll id-debita prova tal-identita') izda ikkunsidrat primarjament il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati fejn huwa kkaguna feriti ta' natura gravi fuq tarbija ta' sitt xhur liema tarbija kienet bintu u kienet taht ir-responsabbilta' tieghu fil-mument li kkagunalha l-griehi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-2 ta' April 2009 b'mod partikolari l-Artikoli 214, 216, 222(1)(a) u (b), 202(h), 247A, 339 (j), 17, 18, 31 ,49, 50 u 51 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1), it-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza huwa qed jigi misjub hati limitatament in kwantu dawn l-akkuzi jirrigwardaw lil minuri OMISSIS u mhux in kwantu dawn huma riferibbli ghal minuri OMISSIS u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija mill-liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa qatta' taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfronti tal-imputat OMISSIS, bir-restrizzjonijiet kollha indikati fl-Artikolu 412C(3)(a)(b)(c). Din l-Ordni ta' Protezzjoni ghandha tibqa' fis-sehh ghal perijodu ta' tlett (3) snin millum u l-persuni protetti huma OMISSIS u uliedha OMISSIS u OMISSIS.

Il-Qorti inoltre wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm118.50 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem l-imputat u tal-partner tieghu kif ukoll dawk tal-minuri u dan sabiex tipprotegi l-identita tal-istess minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------